MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 568/2003

**Anthony Borg**

**vs**

**John Polidano**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentata mill-attur fis-17 ta' Novembru, 2003 fejn talab lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jikkonsenja tliet makni awtomobilistici li kellu jikkonsenja lill-attur skond ftehim milhuq bejnithom u f'kaz li dawn ma jigux hekk ikkonsenjati fi zmien qasir u perentorju, jigi kundannat ihallas lill-attur is-somma ta''elf u tmenin lira Maltin (Lm1,080) rapprezentanti l-valur taghhom.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 2390/03, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijietipprezentati mill-konvenut fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament, l-esponenti jecepixxi li din il-kawza hija ntempestiva kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz;
2. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jeccipxxi li t-talbiet attrici huma esagerati u mhux dovuti. Il-ftehim li sar bejn il-kontendenti sar tliet (3) snin ilu b'mod verbali. Il-kontendenti kienu ftehmu li l-konvenut kellu jikkonsenja lill-attur erba' (4) magni awtomobilistici filwaqt li l-attur kellu jikkonsenja lill-konvenut vettura tal-marka Volvo bla magna. Fil-fatt l-attur gja ghandu fil-pussess tieghu zewg magni ossija wahda tal-marka DI u ohra tal-marka Mercedes, pero' l'attur ghad fadallu jigbor zewg magni ohra ossija wahda tal-marka Ford u ohra tal-marka DI. L-esponenti kemm-il darba talab lill-attur sabiex jigbor iz-zewg magni tal-marka Ford u DI, izda l-istess attur baqa' inadempjenti u ttraskura dawn it-talbiet. Il-valur tal-magni li l-attur ghad baqghalu jiehu minghand l-esponenti huwa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) komplessivament u ghalhekk li t-talba attrici hija esagerata u mhux dovuta.

Salv eccezzjonijiet ohra kemm-il darba jkun il-kaz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda l-kundanna ghall-hlas ta' magni illi gew negozjati bejn il-partijiet.

Irrizulta mill-provi li l-attur huwa negozjant fil-qasam tal-bejgh tal-karozzi. Waqt li l-konvenut jimporta l-magni. Sar arrangament verbali bejn il-partijiet illi l-attur jikkonsenja lill-konvenut karozza tal-marka Volvo tip 740, li kienet giet stmata fl-ammont ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000), waqt li l-konvenut jikkonsenja lill-attur sitt (6) magni. Tliet minnhom gew ikkonsenjati u tlieta le. Jidher

illi ghadhom fil-pussess tal-konvenut. Wahda minn dawn il-magni hija tat-tip Mercedes, li giet stmata erba' mija u tmenin lira Maltin (Lm480) waqt li t-tnejn l-ohra huma stamti tliet mitt lira Maltin (Lm300).

Wara li sar il-ftehim, il-magna Mercedes giet ikkonsenjata mill-konvenut John Polidano lill-mekkanik, maghruf bhala Gigi tal-Mercedes, li huwa John Farrugia. Farrugia jghid illi huwa rcieva l-magna minghand il-konvenut sabiex tigi nstallata f'karozza Mercedes. Qabel ma giet installata, pero' nehha s-*cylinder head* u sab illi kienet *corroded* u ma kinitx tajba. Setghet tissewwa, pero' l-valur tat-tiswija kien ghola mill-valur ta' magna shiha 'second hand' u ghalhekk ma kinitx ekonomikament vjabbli li tissewwa. Jidher li din il-magna ghadha fil-pussess ta' Farrugia, minkejja li Anthony Borg kien qal lill-konvenut biex johodha lura.

Xehed ukoll f'din il-akwza Joseph Lebrun [fol. 30] fejn qal illi jaf lill-partijiet u lill-attur kien partatlu Volvo ma' Lancia. Il-Volvo kienet bil-magna. Il-konvenut jghid illi l-Volvo li rcieva minghad l-attur kienet bla magna u t-tpartit sar ma' erba' magni u mhux sitta. Tnejn minnhom gew ikkonsenjati u tnejn le, dawn ghadhom fil-garaxx tieghu. Ma kien hemm xejn bil-miktub bejnithom u l-magni ghadhom f'kondizzjoni tajba. Kontro ezaminat, qal illi jsita' jkun ha zball fl-ammont ta' magni illi kellhom jigu kkonsenjati lill-attur pero' jaf zgur li ghad fadallu tnejn.

Ikkunsidrat:

Jidher illi l-konvenut mhuwiex car fix-hieda tieghu u x'tip t'arragement sar mall-konvenut. Jghid illi l-Volvo rceviha bla magna, izda Lebrun jikkonferma li l-Volvo li biegh lill-attur kienet bil-magna b'kollox. Hu probabbli pero' li, kif qal il-konvenut, ghad fadallu zewg magni, dan il-ghaliex meta l-Qorti tikkonsidra il-movimenti tal-magni, wahda minn dawn giet moghtija lil John Farrugia sabiex titqieghed go vettura tat-tip Mercedes u ghalhekk il-konvenut fadallu biss tnejn. Pero' xorta baqaghlu l-obbligu li jikkonsenja lill-attur tliet magni jew inkella l-valur taghhom.

Ghalhekk, hu probabbli wkoll illi x-xhieda moghtija mill-attur hija aktar veritjiera. Sar it-tpartit bejn il-partijiet u kien hemm involti karozza tal-marka Volvo u sitt magni. Gew ikkonsenjati tlieta, u tlieta le. Tnejn minn dawn il-magni ghadhom fil-pussess tal-konvenut u l-ohra qeda fil-pussess ta' John Farrugia konsenjata mill-konvenut stess.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi l-attur ghandu ragun fit-talba tieghu, aktar u aktar meta l-valuri msemmija minnu ma gewx ikkontesti. Veru illi fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut qal illi l-magni li fadallu jiswew hames mitt lira Maltin (Lm500) komplessivament, pero' fix-xhieda ma semma xejn u jidher illi l-valuri kif moghtija mill-attur huma accettati.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur, tordna lill-konvenut sabiex jikkonsenja tliet magni awtomobilistici li kellu jikkonsenja lill-attur skond ftehim milhuq bejnithom u f'kaz illi dawn ma jigux ikkonsenjati fi zmien xahrejn millum, tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' elf u tmenin lira Maltin (Lm1,080).

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------